## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francine Cini**

Numru: 11/2017

Illum 9 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Francine Cini,** ta' tletin (30) sena, bint Joseph u Gracie nee' Buttigieg, imwielda r-Rabat, Ghawdex fit-12 ta' Novembru 1985, residenti fil-fond 'Port Mans', Block A, Triq is-Sajjied, Zebbug, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 886(G), akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-granent ta' bejn it-12 ta' Marzu 2015 u l-15 ta' Marzu 2015, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' €8,000 u dan ghad-dannu ta' Domenic Zammit u persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikoli 308, 309 u 310 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-skrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex tikseb xi beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz billi ghamlet uzu minn *cheque*;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li tista' taghmel hsara lil Domenic Zammit;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument falsifikat u cioe' *cheque.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 175) datata 6 ta' April 2018 li permezz taghha baghat lill-imputata Francine Cini biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-Artikoli 18, 183, 184, 187 (1) u (2), 188, 308, 309 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-Artikoli 17, 23B, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' April 2018 (*a fol.* 178), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-6 ta' April 2018, u f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu 17-il xhud:

Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 13 et seq.), PS 1233 John Attard (a fol. 23 et seq.), Dominic Zammit (a fol. 28 et seq.), Mario Galea (a fol. 31 et seq.), Saviour k/a Alvin Scicluna (a fol. 33 et seq.), Saviour k/a Alvin Scicluna (a fol. 44 et seq.), Frances Zammit (a fol. 48 et seq.), PS 1407 Francis Portelli (a fol. 62 et seq.), Joseph Mallia (a fol. 64 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 66), Joseph Mallia (a fol. 71 et seq.), Jonathan Mizzi (a fol. 99), Joseph Mallia (a fol. 129 et seq.), Dominic Zammit (a fol. 180 et seq.), Mario Galea (a fol. 185 et seq.), Alvin Scicluna (a fol. 194 et seq.) u l-imputata Francine Cini (a fol. 196 et seq.)

**<u>L-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>** xehed li: *"f'Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kien sar rapport minn ċertu Domenic Zammit li kienu nġibdulu xi flus mill-account tiegħu mingħajr il-kunsens tiegħu. Dan kien irrapporta li kienu nġibdulu tmint elef ewro (€8,000) fi flus mill-account tiegħu. Hu kien qal li kien qed jissuspetta fl-ex partner tiegħu ċerta Francine Cini, dakinhar kienu qegħdin fil-bidu li bdew jisseparaw minn xulxin. Huwa kien qal li dawn inġibdulu mill-account li kellu fil-BoV ta' Sannat. Dan kien qal li Cini kienet ħarġet ċekk mill-BoV ta' Sannat peress li huwa kellhom joint account flimkien u li minn dan kienet għamlet ċekk ta' tmint elef ewro (€8,000) fuq ismu u li kienet iffalsifikat il-firma tiegħu. Hu kien qal li dan iċ-ċekk kien ġie iddepożitat fl-account tiegħu tal-HSBC li hi kellha l-prokura fuqu. Imbagħad kien qal li wara li iddepożitat il-flus fl-account tal-HSBC hija kienet reġgħet ġibdithom il-flus u ħadithom hi.*

*Imbagħad jiena kont ħadt stqarrija tagħha fejn din kienet għażlet li ma tkellimx avukat u kienet ukoll għażlet li ma tweġibx għad-domandi – kienet wieġbet għal xi domandi biss però għad-domandi li kienu diretti rigward dan il-każ kienet għażlet li ma tweġibx. U kienet ċaħdet li m'għamlitx firem. Jiena kont rajt ukoll is-CCTV tagħha, kienet tidher li marret il-bank u anke ukoll marret l-HSBC.*

*<u>Avukat Dottor Kevin Mompalao</u>:*

*Spettur, ħalli nkunu daqsxejn kronoloġiċi. Iċ-ċekk ħareġ mill-Bank of Valletta ta' Sannat.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iċ-ċekk ħareġ minn hemmhekk iva.*

*<u>Avukat Dottor Kevin Mompalao</u>:*

*Fuq min ħareġ?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iċ-ċekk ħareġ fuq Domenic Zammit u fuq wara kien hemm il-firma ta' Domenic Zammit biss però Domenic Zammit qed jgħid li l-firma mhix tiegħu u li hija iffalsifikata.*

*<u>[...]</u>*

*<u>Avukat Dottor Kevin Mompalao</u>:*

*Xi ħaġa li turi l-withdrawal mill-HSBC għandek Spettur, id-deposit u l-withdrawal?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena li rrid ngħid* ***<u>li l-akkużi damu ma nħarġu għaliex kienu qaluli lili li kien hemm il-possibiltà li ħa jiftehmu bejniethom, biss però dawn qatt ma fthemu.</u>***

*Kontro eżami:*

*Avukat Dottor Marsette Xerri:*

*Mela, inti għidtilna fix-xhieda tiegħek illi ċ-ċekk inħareġ minn account konġunt illi kellhom bejniethom. L-account number tal-joint account għandek?*

*Ix-xhud:*

*Inti qiegħda tirreferi għaċ-ċekk li ħareġ mill-BoV ta' Sannat. X'qed titlobni jekk jogħġbok?*

*Avukat Dottor Marsette Xerri:*

*Tikkonferma li dan ħareġ minn joint account.*

*Ix-xhud:*

*Iva, ħareġ minn joint account għax kellha l-prokura. Jiena lili Domenic Zammit qalli li kienet tiegħu ħsieb hi għax peress li kien ikollu x-xogħol u hekk kien iħalli f'idejha.*

Ix-xhud il-**kwerelant Domenic Zammit** xehed: *"jiena kelli account ta' life insurance li kont għalaqtha għax kelli bżonn il-flus u kont naf li se tingħalaq f'ċertu date u mort l-HSBC biex niġbidha biex nitfagħha fuq l-account tal-loan. U qaluli kulma għandek hawnhekk xi twenty-five euro (~ €25). Għidtilhom, "kellhom jidħluli xi five thousand euro (~ €5,000) fejn qiegħda? Qaluli, "dik inġibdet xi ħmistax ilu." Kienet inġibdet. Għidtilhom "jien ma ġbidthiex." Imbagħad qalli anke hekk, qalli, "Daħlu tmint elef Euro (€8,000) u wara tlett ijiem reġgħu nġibdu dawn it-tmint elef euro."*

*Avukat Dottor Kevin Mompalao:*

*Dawn it-tmint elef euro kont taf bihom int?*

_Ix-xhud_:

*It-tmint elf euro li daħlu u nġibdu, le; huma qaluli. Għax jiena mort għal dawk il-ħamest elef.*

_Avukat Dottor Kevin Mompalao_:

*U liema bank qed ngħidu?*

_Ix-xhud_:

*HSBC.*

_Avukat Dottor Kevin Mompalao_:

*HSBC. Imbagħad?*

_Ix-xhud_:

*U ġabli cheque image, ċekk fuq ismi, Domenic Zammit, iffirmat u ġie iddepożitat l-HSBC.*

_Avukat Dottor Kevin Mompalao_:

*Issa, inti dak iċ-ċekk taf mnejn oriġina? X'kellu jfisser jew ħaġa jew oħra?*

_Ix-xhud_:

*Dak kien ċekk ta' tmint elef fuq isemi.*

_Avukat Dottor Kevin Mompalao_:

*Eħe, imma x'kien?*

_Ix-xhud_:

*Dak kien biex inħallsu permess tal-MEPA.*

_Avukat Dottor Kevin Mompalao_:

*U kif inħareġ fuq ismek? Minn min inħareġ?*

_Ix-xhud_:

*Jien kont tajtha l-flus biex tħallas permess tal-MEPA u hi ħarġithom ċekk. Naf li kien hemm ċekk fuq Domenic Zammit u daħal il-bank, iffirma, u ssarraf.*

_Avukat Dottor Kevin Mompalao_:

*U l-ħamest elef x'kienu?*

*Ix-xhud:*

*Dawk kienu life insurance tiegħi l-HSBC li kont tlabt xi sena qabel biex nagħlaqha u kienu qaluli għandek sena biex jiġuni fuq is-Savings biex nitfagħhom minn fuq is-Savings għal fuq il-loan.*

*Il-Qorti:*

*U xħin mort biex tara li ngħalaq, sibt?*

*Ix-xhud:*

*Li ma kienux hemm.*

*Il-Qorti:*

*Ma kien hemm xejn.*

*Avukat Dottor Kevin Mompalao:*

*Issa, int kellek xi prokura?*

*Ix-xhud:*

*Fuq is-Savings tal-HSBC.*

*Avukat Dottor Kevin Mompalao:*

*Biss.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Avukat Dottor Kevin Mompalao:*

*U l-firem li kien hemm fuq iċ-ċekk, int għamilthom?*

*Ix-xhud:*

*Le, le.*

*Avukat Dottor Kevin Mompalao:*

*Ħa nurik il-firma li hemm fuq iċ-ċekk u ara tagħrafhiex li hija l-firma tiegħek.*

*Ix-xhud:*

*Le, dik mhix tiegħi.*

*Avukat Dottor Kevin Mompalao:*

*Int hekk tiffirma?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, le.*

*<u>Avukat Dottor Kevin Mompalao</u>:*

*Inti f'dak iż-żmien kont għadek ma' Francine jew kontu diġà għażiltu minn ma' xulxin?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Meta ndunajt b'dawn l-affarijiet li ġara konna diġà żarmajna.*

Ix-xhud l-**<u>espert Joseph Mallia</u>** xehed li: *"mill-konklużjonijiet, fuq wara ta' din il-bank draft kien hemm miktub "Domenic Zammit, 448781M," kif ukoll firma. Għamilt l-eżami komparattiv. Għar-rigward ta' Domenic Zammit u dan in-numru ma kienux jaqblu mal-karatteristiċi tal-kitba u l-firma tiegħu; kienu jaqblu ma' dawk ta' Francine Cini. Għar-rigward il-firma din ma kinitx taqbel ma' ta' Domenic Zammit. Il-karatteristiċi rajthom – Domenic Zammit, 448781, kienu jaqblu ma' ta' Francine Cini. Il-firma ma taqbilx ma' ta' Domenic Zammit."*

L-**<u>imputata Francine Cini[1]</u>** xehdet li: *"Dak konna xtrajna biċċa għalqa tal-bini u ħadna, u Domenic kien ħa loan u f'din il-loan hu ma kellux ċans imur il-bank jagħmel id-deposits. U kien għamilli l-prokura biex immur nagħti d-deposits jien. U kont immur il-bank kull xahar nagħti seba' mija (700) fix-xahar, bdejna minn Jannar two thousand fourteen (2014) jiġifieri bqajna għaddejjin.*

*<u>Avukat Dottor Marsette Portelli Xerri</u>:*

*U bqajt tagħti l-ammonti ta' kull xahar.*

---

[1] Seduta tal-31 ta' Mejju 2018

*Ix-xhud:*

*Iva. Kien hemm drabi li sa tmintax-il elf (18,000) mort bihom il-bank cash.*

*Avukat Dottor Marsette Portelli Xerri:*

*Issa fil-każ illi qed nitrattaw hawnhekk, x'ġara eżatt?*

*Ix-xhud:*

*Dakinhar Domenic ried xi flus imbagħad il-loan kienet, jien kelli l-flus insomma, imbagħad qalli, "jimporta ttihomli ħalli naqtgħu parti mil-loan?" u jiena billi kont qiegħed noqgħod miegħu b'żewġt itfal jiena ma kellix problema ntih il-flus. Jiena jiġifieri d-dar imlejthielu, tajtu l-flus għall-għalqa, tajtu fuq mitt elef (> 100,000) u inti taf,*

*U l-għalqa għamilha fuq ismu jiġifieri.*

*U mbagħad dak. U qalli, "Jimporta ttini xi ħaġa?" Għidtlu, "iva. Baqagħli tmint elef immur il-bank u nagħmillek ċekk fuq ismek." U hekk għamilt. Imbagħad ċempiltlu għidtlu, "hawn iċ-ċekk." Qalli, "mhux kemm tiffirmah!" Jiena kelli l-prokura, kont noħodlu ħsieb kollox jien, għandi l-karti hawn, ta' kollox kont noħodlu ħsieb, anke tat-taxxa u tal-VAT, kollox hawn għandi. Tista' ttihomlu Sur Avukat. Għax dan għandi sal-Cashlink, ara, li kienet għandi, li kont immur biha l-HSBC, nista', għandi l-karti tal-loan hawn kollox ara, li kont immur kollox bihom jien.*

*Dan kollox kont noħodlu ħsieb jien; hu lanqas ċans ma kellu. Imbagħad tajtu tmint elef u ħa jiġi jtellagħni! Dan tajthomlu, mhux ħadthomlu! Nammetti għamilt żball, għamilt il-firma tiegħu imma jien ma kontx naf li ħa nasal hawn fuq.*

*Avukat Dottor Marsette Portelli Xerri:*

*Mela, biex nikkjarifikaw daqsxejn fuq din il-firma li ovvjament hemm l-esperti, ma nistgħux immorru oltre fuqha – x'kien li wasslek biex tagħmel din il-firma lilek?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Domenic qalli, ċempiltlu, qalli, "m'għandix ċans niġi nagħmel il-firma. Mhux bħas-soltu, tieħu ħsieb kollox int!" Hawn, kollox jien kont noħodlu ħsieb, għandu tat-taxxa u tal-bolla kollha qegħdin hawn, il-kontijiet kollha qegħdin hawn, tal-garaxx, li m'għandix x'naqsam mal-garaxx jiġifieri qiegħed ix-Xagħra, kontijiet kollha hawn ara tal-VAT u kollox, kollox hawn għandi, kollox fuq ismu, kollox kont noħodlu ħsieb jien.*

*Kollox għandi hawn. Dawn kollha kienu d-dar u ġbarthom hawn ara. Kontijiet tad-dawl u tal-ilma, tal-internet u ta' kollox.*

*<u>Avukat Dottor Marsette Portelli Xerri</u>:*

*Qed naraw x'sens ta' fiduċja kien hemm bejniethom jaħasra u kellna naslu fejn wasalna.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Dan xtrajna biċċa għalqa tal-bini, tajtu mitt elf u għamilha fuq ismu!*

*<u>Avukat Dottor Marsette Portelli Xerri</u>:*

*Fadallek x'iżżid fuq dan il-każ?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le.*

*<u>Kontro eżami</u>:*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Allura ara Francine inhix nifhmek sew. Allura inti qiegħda tgħid li ġbit mill-bank tmint elef ewro (€8,000),*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Mill-account tiegħi iva!*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Qallek hu.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Bi qbil miegħu. Imbagħad hu qallek biex tiffirma f'ismu.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Hux qed nifhmek sew.*

*Ix-xhud:*

*Iva sewwa. U jien lilek dakinhar għidtlek ma ffirmajthiex jien għax bżajt u twerwirt.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Eh, jiġifieri tiftakar li –*

*Ix-xhud:*

*Iva, niftakar.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Li fl-istqarrija –*

*Ix-xhud:*

*Iva niftakar għax jiena kien għadni qatt ma tlajt Qorti fit-two thousand and fifteen (2015), kont bżajt.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Jien kont staqsejtek u int għażilt li ma tweġibx,*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Imbagħad daqqa għidt li ma ffirmajt l-ebda firma,*

*Ix-xhud:*

*Għax jiena kont bżajt.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Jiġifieri tikkonferma.*

*Ix-xhud:*

*Iva nikkonferma.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*U meta tgħid bżajt, beżżajniek aħna?*

*Ix-xhud:*

*Le, le, le! Jiena għax, ifhem, qatt ma kont tlajt hawn fuq.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*U tiftakar ukoll però dik l-istqarrija wara li kont qrajtha kont għażilt li ma tiffirmahiex.*

*Ix-xhud:*

*Ma niffirmahiex!*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Eħe.*

*Ix-xhud:*

*Ma nafx. Ma niftakarx ta.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Hekk ma tiftakarx. Orrajt.*

*Ix-xhud:*

*Ma niftakarx ta.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Imma tiftakar konna tajniek it-twissija,*

*Ix-xhud:*

*Iva, iva, iva, iva, iva.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputata jew akkuzata, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

## Apprezzament tal-provi fl-assjem

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u analizi xjentifika u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzata tigi ddikjarata hatja, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju

huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**<u>Ix-xjenza "*knowingly*"</u>**

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[2] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabbilita' x-xjenza f'kaz kriminali:

> "*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state*

[2] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[3]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

[3] Ibid. pg 449

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

**Il-filmat esebit**

Fil-ktieb *Electronic Evidence*[4], Stephen Mason jispjega li:

*"Surveillance cameras are very much part of life in the twenty-first century, the foundations of which began in the latter decades of the twentieth century. Evidence of images from security cameras can be very helpful in identifying the perpetrators of crime, and the enhancement of the images, together with the use of more advanced*

[4] Ippubblikat minn LexisNexis U.K. t-tieni edizzjoni ppubblikata fl-2010 pg. 345 para. 10.91

*techniques such as facial mapping, can help to identify parties to an offence."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid il-**Blackstone** fl-edizzjoni tal-2016 fejn meta jitkellem dwar ritratti, video recordings u films jghid li:

*"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*[5]

Il-Qorti se tghaddi biex tanalizza l-prova l-filmat esebit in atti. Illi fir-regoli illi tfasslu f'kawza **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, huma linji gwida fil-kaz tal-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dan gie wkoll sottolinjat f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Stephen Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

***"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of***

[5] Pg. 2545 f'*Real Evidence* F8.58

*such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that*

***mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.***

***All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.***

Illi fil-ktieb tieghu Cross, **On Evidence** (6th edition) huwa jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala real evidence:

***'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...***

***Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.***

Cross imbaghad jghaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u jghid:

***'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the***

***evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.***

L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti din id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):

***'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...***

***'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.***

Ikompli:

> *'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.*

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ ighid:

> *'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'.*

Illi fil-kaz fl-Ingilterra **R vs Murphy and Maguire** (1990) il-Qorti stqarret:

> *"We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual*

***identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting."***

Illi fil-kaz in dizamina ma tqumx il-kwistjoni dwar l-identifikazzjoni tal-persuna tal-imputata fil-filmat esebit. Il-Qorti ezaminat dan il-filmat bir-reqqa biex tara dan jistax jghinha fid-deliberazzjoni taghha biex tiddeciedi dan il-kaz sintendi mqabbel mad-dokumenti esebiti u x-xhieda tar-rapprezentanti tal-banek.

**<u>Il-falsifikazzjoni fi strument bankarju</u>**

Il-Corte di Cassazione dan l-ahhar kellha dan it-taghlim fejn jidhol falsifikazzjoni marbuta ma' strumenti bankarji:

*E' sempre reato la falsificazione di un assegno, bancario o circolare, anche se dotato di clausola di non trasferibilità, dato che è comunque girabile per l'incasso (cosiddetta girata impropria) ed in tale momento è ancora possibile che esso eserciti una funzione dissimulatoria.*[6]

[6] CORTE DI CASSAZIONE - SEZ. II PENALE - SENTENZA 21 marzo 2018, n.13086

Fil-kummentarju legali fir-rubrika legali **La Legge Per Tutti** dwar **Assegno contraffatto: la somma va restituita**[7] intqal:

> *Chi incassa un assegno sul quale sono presenti delle alterazioni, e pertanto risulti contraffatto, non può giustificarsi scaricando la colpa sulla banca che gli ha consegnato la somma, consentendogli di incassarla: al contrario, è tenuto a restituire il denaro qualora vi sia stata la contestazione del titolare del conto corrente. Insieme a lui, però, ne risponde anche la banca tutte le volte in cui le alterazioni siano stati tali da essere facilmente visibili. È quanto chiarito dalla Cassazione con una recente sentenza*[8]*.*
>
> *Si parla di falsificazione di un assegno, per fare un esempio, quando la firma apposta sul titolo è imitata perfettamente. In realtà il presunto traente non ha mai apposto sul titolo la propria firma perché altri fraudolentemente gliela hanno imitata.*
>
> *Si ha invece alterazione quando il testo dell'assegno era per così dire sorto bene, ma successivamente è stato manipolato cosicché l'obbligazione originaria non appare più nella sua genuinità ma in termini diversi.*
>
> *Poiché, nella prassi, chi altera un assegno è quasi sempre un soggetto con moralità dubbia e, peraltro, difficilmente reperibile o solvibile, il contenzioso di chi viene truffato si concentra, di solito, contro la banca che ha pagato l'assegno. E quindi il punto fondamentale della*

---

[7] 9 Frar 2016

[8] Cass. sent. n. 2305/2016.

*discussione giuridica è: quando l'istituto di credito è responsabile per aver pagato un assegno evidentemente contraffatto? Procediamo con ordine.*

*Uno dei casi in cui più spesso viene invocata la responsabilità della banca è quello in cui sia falsa la firma di traenza (quella cioè apposta da chi si presume aver emesso l'assegno). La giurisprudenza della Suprema Corte*[9] *ritiene che l'istituto di credito debba porre la dovuta diligenza nel verificare se la firma sia effettivamente quella del titolare del conto o meno. Solo una falsificazione particolarmente precisa, tale cioè da non essere percepibile ad occhio nudo, potrebbe giustificare l'assenza di responsabilità della banca. Infatti, secondo i giudici, nel caso di falsificazione di assegno bancario, la diligenza richiesta all'operatore dello sportello è quella dell'accorto banchiere che è certamente un grado superiore rispetto a quello dell'uomo comune: e ciò per via della delicatezza dell'attività che pone in essere.*

*È quindi il giudice a dover verificare, caso per caso, se la falsificazione era facilmente percepibile o meno dall'impiegato tenuto al pagamento del titolo. Si tratta di una verifica che – di regola – deve essere rivolta ad accertare se la falsificazione sia o meno riscontrabile attraverso un attento esame diretto, visivo o tattile, dell'assegno da parte del banchiere in possesso di comuni cognizioni teoriche e/o tecniche. Si deve, quindi, trattare di una alterazione riscontrabile sì ad occhio nudo, ma pur sempre da un occhio attento ed esperto. Al contrario se la falsificazione è rilevabile soltanto grazie ad attrezzature tecnologicamente sofisticate e di difficile e dispendioso reperimento e/o*

[9] Cass. sent. n. 6513/2014

*utilizzo o tramite particolari cognizioni teorico e/o tecniche, allora sarà certamente più difficile vincere la causa contro la banca e ottenere da quest'ultima il risarcimento.*

**L-għodda biex tiddeċiedi**

Il-Ġudikant li jkun se jiddeċiedi kif se jagħżel is-sikrana mill-qamħ? It-tweġiba nsibuha f'deċiżjonijiet li taw il-Qrati tagħna:

*Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.*[10]

F'Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-każ **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[11] l-Imħallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit eċitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat inċident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u

[10] Appell Ċivili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deċiż** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano u l-Imħallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[11] Appell Kriminali Numru. 115/2006

kienu onesti bizżejjed biex ma "jikkorregux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Il-Qorti se tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet u biex taghmel dan izzomm f'mohha l-principji u t-taghlim legali kwotati aktar 'il fuq.

**<u>Ir-reat tal-frodi</u>**

Illi sabiex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi jridu jikkonkorru diversi elementi.[12] Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u

[12] L-Imhallef Edwina Grima amplifikat dak li l-Qrati rritenew

s-suggett passiv tar-reat u cioe′ bejn min qieghed jikkometti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta′ dan ir-reat u cioe′ l-uzu ta′ ingann jew raggiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment jinhtieg li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dan sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Imbaghad dwar l-element formali tar-reati ta′ truffa l-Imhallef Guze Flores kellu dan xi ighid:

> ***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe′ kwantu jirrigwarda d-dolo ta′ dan ir-reat ta′ truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b′ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta′ haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta′ truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta′ l-ingustizzja tal-profitt u b′dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi f′sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi biex jissussisti dan it-tip ta′ reat huwa necessarju illi jezistu *"**I tre momenti di cui si compone il reato e′ cioe′ la produzione dell′artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione***

***dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato[13]."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dan ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-fini tal-kummissjoni ta' dan ir-reat, izda dan irid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioe' s-suggett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-**Pulizija vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

[13] Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (Il-**Pulizija vs Patrick Spiteri** deciza 22/10/2004)

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza ***Il-Pulizija vs Raymond Ferris***[14], deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-21 ta' Mejju 2015 fejn hemm referenza ghal gurisprudenza ohra.

L-Antolisei[15] dwar l-elementi tar-reat ta' frodi jghid hekk:

> *"Dalla definizione legislative sopra riportata si desume che la fattispecie oggettiva della truffa consa dei seguenti elementi:*
>
> *1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione "artifizi o raggiri";*
>
> *2) la causazione di errore, il quale, come vedremo, deve a sua svolta dare origine a una disposizione patrimoniale;*
>
> *3) un danno patrimoniale derivato dall'inganno con consequente ingiusto profitto per l'agente o altra persona;"*

Dawn l-elementi huma identici ghal dak li dejjem tkellmu dwarhom il-Qrati taghha fejn irritenew li l-elementi huma:

(i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat;
(ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri;
(iii) l-element ta' dannu patrimonjali; u
(iv) l-element formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar.

Dwar f'hiex jikkonsisti l-ingann jew raggiri, il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza ta' Raymond Ferris qalet li:

14 Moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera
15F. Antolisei; Manuale Di Diritto Penale, Parte Speciale I, Ed., 1986, pagna 294.

*"Illum, ghalhekk, huwa assodat fil-gurisprudenza taghna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa, ghal dawk li huma artifizi, ma hix bizzejjed is-semplici gidba, izda jinhtieg li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-"magna callidibus ad decipiendum aliquamaddibite"; irid ikun hemm dik l-impostura li tikkonstringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipparilizza d-diligenza tal-iffrordat u tissorprendilu il-bwona fede tieghu."*

Dwar l-element tal-profitt, l-istess Qorti irriteniet li:

*"Pero' kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qliegh ghall-agent, liema telf u qliegh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqosha milli taghmel il-vittma ghax tkun giet imqanqla".*

Manzini jghid li semplici ommissjoni ma hijiex bizzejjed:

*"Ma l'artificio, sia esso positivo o negativo, <u>deve sempre consistere in una azione dell'ingannatore, e non già una semplice omissione</u>. Per la truffa, quando non si simula, si deve dissimulare ciò che si è fatto o si sta facendo, <u>non ciò che si è omesso di fare</u>, giacchè in quest'ultimo caso mancha manifestamente ogni "artificio" e tanto più ogni raggiro."*[16]

Il-Qorti issa se tghaddi biex tara kif dawn l-elementi jirrizultawx jew le fil-kaz odjern:

---

[16] Vincenzo Manzini, *Trattato Di Diritto Penale Italiano*, Ed., 1986, Vol 9, pagna 689.

**a) L-ingann jew ir-raggiri**

**b) In-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat**

**c) Id-dannu patrimonjali**

**d) Id-dolo jew l-intenzjoni tat-truffar**

Fil-kamp penali hija l-prosekuzzjoni li trid tressaq il-provi tal-elementi materjali u formali kollha tar-reati fic-citazzjoni, u trid taghmel dan sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

F'dan il-kaz kien hemm aktar minn gidba semplici peress illi qabel ma l-imputata wettqet dan l-allegat kaz kienet tghix mal-kwerelant u kien jafdaha b'ghajnejh maghluqa, tant li anke kellha prokura minghandu fuq il-kont tal-HSBC. Fl-opinjoni tal-Qorti dan kien zball kbir ghaliex veru "*fejn thobb il-qalb jimxu r-riglejn*" kif tghid il-kanzunetta ta' Mike Spiteri izda wara jkun hemm konsegwenzi serji, kif qeghda tara din il-Qorti quddiemha mill-istess partijiet fejn qed jinfetah kaz wara l-iehor. L-imputata fix-xhieda taghha ma spjegat xejn dwar dak li qal il-kwerelant li kien ghaddielha t-tmint elef ewro in konnessjoni ma' applikazzjoni tal-MEPA u hi holqot din ix-xenata kollha.

Il-mod elaborat kif operat l-imputata ma jhalli l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti li riedet tinganna u biex taghmel dan wettqet il-pjan taghha, pass wara pass. Mill-provi jirrizulta li l-elementi l-ohra ta' dan ir-reat kienu pruvati mill-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile.

Il-falsifikazzjoni

Kif intqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** fis-17 ta' Ottubru 1997:

> **"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun ffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V.VI, n. 2296 – 829). Ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin *'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'*. Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. *op, cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq**

**kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanejament il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, ecc."**

Issa, ġie allegat li fuq il-*bank draft* fuq wara kien hemm firma li ma kinitx ta' Domenic Zammit kif irrizulta mix-xhieda tal-espert nominat mill-Qorti Joseph Mallia fejn anzi rraporta lura li l-karatteristici tal-firma jaqblu ma' dik tal-imputata. Mela d-dokument in kwistjoni kien dokument ġenwin iżda kien hemm fuqu l-firma u l-karta tal-identita' li saru minn haddiehor u mhux mill-kwerelant.

Jiġifieri hawn si tratta ta' falz ideoloġiku. Konsegwentement la huwa applikabbli l-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, **Il-Pulizija v. Raphael Axiaq**, 30 ta' Diċembru 2009) u lanqas l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, **Il-Pulizija v. Paul Galea**, 17 ta' Ottubru 1997).

## KONKLUZZJONIJIET

Il-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002 qalet li: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

Issa, fil-każ in eżami l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda dwar il-kredibilita` tax-xhieda prinċipali u cioe' l-kwerelant, l-imputata u l-espert tal-kaligrafija Joseph Mallia flimkien mal-filmat tas-CCTV esebit.

F'dar-rigward din il-Qorti tfakkar li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

Fil-kaz in dizamina ma hemm ebda kontestazzjoni li l-firma fuq id-dokument hija falza. Kif inghad, tali falsità tirrizulta b'mod xjentifiku. Ghalhekk l-element materjali tar-reat gie ppruvat. Fir-rigward tal-element formali, difficilment jista' jigi kontestat li x-xjenza rikjesta ghal dan ir-reat, u cioè l-konsapevolezza da parti tal-imputata li l-firma fuq id-dokumenti kienet falsifikata, effettivament jirrizulta ampjament mill-provi, kif ukoll mix-xhieda tal-imputata li tat fil-31 ta' Mejju 2018. Dan wara li l-espert tal-kaligrafija pprezenta zewg rapporti f'dan il-kaz fejn gab lill-imputata f'rokna li ma setghetx tohrog minnha.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lino Scerri Tailor*** *(11.01.1979)* fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet cahdet appell ta' Scerri Tailor wara li kkonstatat li kien hemm l-intenzjoni min-naha tieghu li arbitrarjament u bla awtorità jiffalsifika l-firma ta' haddiehor f'ittra, b'mod li dan il-haddiehor jidher l-awtur tal-kontenut tal-istess ittra, b'menomazzjoni tad-dritt ta' dan u bil-potenzjalità inerenti fl-istess fatt ta' hsara u inkonvenjent personali.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u minnhom tilliberaha u wara li rat Artikoli 308, 309 u 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha tmintax (18)-il xahar habs izda bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal tliet (3) snin mil-lum.

Din il-Qorti wara li rat Artikolu 28B tal-Kap 9 twissi lill-imputata illi, bħalma qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius**[17] mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

Il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tordna lill-imputata biex fi zmien sitt (6) xhur minn din is-sentenza thallas lil Domenic Zammit is-somma ta' tmint elef Euro (€8000) ghad-dannu li kkagunatlu.

[17] Deciza mill-Prim Imhallef Vincent DeGeatano

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta, liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' elf, erba' mija u disgha u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (***€1479.76***)[18] u ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien xahar mil-lum.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**MAGISTRAT**

[18] €514.17 – Joseph Mallia, €268.20 – Jonathan Mizzi u €697.39 – Joseph Mallia